MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2011

Numru. 709/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Victor Muscat**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra ’l hawn fuq imsemmi Victor Muscat, bin Carmel u Carmen neé Portelli, imwieled fl-24 ta’ Frar 1967 u residenti fil-fond numru 15, Triq l-Ispiera, Xaghra, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita’ numru

105167(M) li gie akkuzat talli nhar it-2 ta' Settembru ghal habta ta' 17:45hrs fix-Xaghra, Ghawdex;

1. kiser il-paci u l-bon ordni pubblika b'ghajjat u/jew glied u/jew storbju;

2. hebb minghajr ma darab ghall-persuna ta' Joseph Sultana;

3. ikkaguna biza' fil-persuna ta' Joseph Sultana;

4. bi kliem u/jew b'modi ohra hedded lil Joseph Sutlana b'arma li taqta' u bil-ponta;

5. minghajr il-hsieb li jisraq jew li jikkaguna hsara izda biss biex jezercita' dritt li jippretendi li ghandu fixkel lil Joseph Sultana fl-uzu ta' hwejgu jew indahallu fi hwejgu;

6. gab ruhu b'tali mod li ta fastidju lil Joseph Sultana b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li dak li ghamel kien ta' fastidju ghal Joseph Sultana;

7. kellu fil-pussess tieghu u garr strument li jaqta' u bil-ponta (mus) minghajr licenzja jew permess mill-Kummissarju tal-Pulizija;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 ;

Rat id-dokumenti esebiti ;

Semghet il-provi;

**Ikkunsidrat;**

Fuq kunflitt ta' provi, il-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-ewwel (1), mit-tieni (2), mit-tielet (3), mir-raba' (4) u mis-sitt (6) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu;

Ghar-rigward tal-hames (5) imputazzjoni, il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn din l-akkuza fuq nuqqas ta' provi;

Finalment ghar-rigward tas-seba’ (7) imputazzjoni, il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn din l-akkuza peress illi ma rrizultax kemm tohrog il-barra x-xafra mill-mus.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------